MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 1058/2010

**Costantino Muscat f`ismu proprju u bhala prokuratur ta` l-assenti Joseph Muscat ; Catherine mart Publius Farrugia ID190953M ; Peter Camilleri ID570355M, Ruth mart Brian John Agius ID519976M ; Janelle Camilleri ID53284M ; Giovanna Mizzi ; Mose` Muscat ; Mary Anne Muscat ID405153M bhala eredi ta` zewgha Rosario Muscat ; Carmel Muscat, Emanuel Muscat, Costantina sive Connie Cassar ; Maria Carmela Muscat ; Peter Muscat ; Marguerite Vella f`isimha proprju u bhala prokuratrici ta` l-assenti Carmen Zerafa, Jose Muscat, Angela Mallia, Rose Buhagiar li b`nota tal-11 ta` Ottubru 2011 cediet l-atti tal-kawza, Carmel Muscat, Teresa Muscat li b`nota tal-11 ta` Ottubru 2011 cediet l-atti tal-kawza, Grace Saliba f`isimha proprju u bhala prokuratrici ta` l-assenti Concetta sive Connie Carr li b`nota tal-11 ta` Ottubru 2011 cediet l-atti tal-kawza ; John Muscat, Frances Bianchi, Carmen Muscat, Antonia Muscat, Catherine Muscat, Joseph Muscat, Josephine Schembri,**

**Emanuela Schembri u Rita Theuma ; Publius Farrugia, Mario Farrugia u Joseph Farrugia**

***kontra***

**Nazzareno sive Reno Muscat bil-karta ta` l-identita` numru 93658M u Anna Muscat bil-karta ta` l-identita` numru 289657M, u b`digriet tal-1 ta` Dicembru 2011 gew kjamati in kawza Maria Concetta sive` Cettina Carr, Mary Rose sive` Rose Buhagiar u Therese Muscat**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-**rikors guramentat** li kien prezentat fid-19 ta` Ottubru 2010 u jaqra hekk –

*1. Premess illi l-intimati huma l-unici werrieta ta` Emanuel u Victor ahwa Muscat li mietu fit-22 ta` Dicembru 1992 [Dok. NM1] u 28 ta` Ottubru 1994 [Dok. NM6] rispettivament, ulied ta` John u Angela mizzewgin Muscat ;*

*2. Premess illi l-wirt ta` Emanuel Muscat huwa regolat minn testment datat 9 ta` Dicembru 1992 u ppubblikat fl-atti tan-nutar Dr. Remigio Zammit Pace [Dok. NM2] filwaqt li l-wirt ta` Victor Muscat huwa regolat minn testment datat 9 ta` Dicembru 1992 u ppubblikat fl-atti tan-nutar Dr. Remigio Zammit Pace [Dok. NM7] ;*

*3. Premess illi l-intimat Nazzareno Muscat huwa wkoll wiehed mill-werrieta ta` missieru Francis Muscat li*

*miet fis-27 ta` April 1991 [Dok. NM15], iben ta` John u Angela mizzewgin Muscat ;*

*4. Premess illi Angela Muscat mietet fis-17 ta` Marzu 1974 [Dok. NM18] filwaqt li zewgha John Muscat miet fil-11 ta` Awissu 1961 [Dok. NM21] u kellhom tmint itfal, fosthom Emanuel, Victor u Francis ahwa Muscat ;*

*5. Premess illi l-kontendenti ghandhom kollha sehem mill-wirt ta` John u Angela mizzewgin Muscat li l-wirt taghhom huwa regolat minn testment datat 17 ta` Jannar 1957 u ppubblikat fl-atti tan-nutar Dr. Nicola Said [Dok. NM24] ;*

*6. Premess illi John u Angela mizzewgin Muscat kienu wkoll in forza ta` l-imsemmmi testment hallew prelegat favur uliedhom Emanuel, Victor u Giuseppa ahwa Muscat ir-razzett b`gardina mieghu li jinsab fil-limiti taz-Zurrieq fit-triq tal-Macina kontrada tan-Nigret hekk ukoll imsejjah ta` Zitellu ;*

*7. Premess illi l-wirt ta` John u Angela mizzewgin Muscat qatt ma nqasam u r-rikorrenti jridu li ssir il-qasma ta` dak kollu li hemm in komun inkluz ir-razzett u gardina li kienet thalliet bi prelegat lil Emanuel, Victor u Giuseppa ahwa Muscat ;*

*8. Premess illi l-intimati debitament interpellati sabiex jersqu ghall-qasma naqsu u ghalhekk kellhom isiru dawn il-proceduri ;*

*Ighidu ghalhekk l-intimati ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi :-*

*1. Tillikwida l-assi konjugali ta` John u Angela mizzewgin Muscat.*

*2. Tordna d-divizjoni tal-assi f`zewg porzjonijiet ugwali u tassenja wahda lill-assi partikolari ta` John Muscat u l-ohra lill-assi partikolari ta` Angela Muscat.*

*3. Tillikwida l-assi partikolari ta` John Muscat u tiddikjaraha li tikkonsisti fil-porzjon tal-komunjoni tal-akkwisti lilu assenjata u f`dawk il-beni li jirrizultaw waqt il-kawza.*

*4. Tillikwida l-assi partikolari ta` Angela Muscat u tiddikjaraha tikkonsisti fil-porzjon tal-komunjoni tal-akkwisti lilha assenjata u f`dawk il-beni li jirrizultaw waqt il-kawza.*

*5. Tiddividi l-gid bejn il-kontendenti skond il-kwota li kull wiehed mill-partijiet jigi ddikjarat li ghandu dritt ghaliha.*

*6. Tiddividi r-razzett b`gardina mieghu li jinsab fil-limiti taz-Zurrieq fit-triq tal-Macina kontrada Tan-Nigret hekk ukoll imsejjah ta` Zitellu, bejn l-intimati bhala werrieta ta` Emanuel u Victor ahwa Muscat, u r-rikorrenti bhala l-werrieta ta` Giuseppa Muscat u l-werrieta wkoll ta` Francis Muscat, minn liema wirt l-intimat ghandu sehem ukoll.*

*7. Tinnomina, jekk ikun hemm bzonn, perit tekniku ghal finijiet ta` likwidazzjoni u thejjija ta` pjan ta` divizjoni.*

*8. Tinnomina nutar sabiex jircievi u jippubblika l-att opportun u kuratur ghall-eventwali kontumaci.*

*9. Tordna l-bejgh b`licitazzjoni ta` dak kollu li m`huwiex kommodament divizibbli, bl-ammissjoni ta` oblaturi estraneji.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi u l-elenku ta` dokumenti esebiti.

Rat ir-**risposta guramentata** tal-konvenuti Nazzareno u Anna mizzewgin Muscat prezentata fid-19 ta` Novembru 2010 li taqra hekk –

*1. Preliminarjament, illi mhux minnu li Rose Buhagiar, Teresa Muscat u Concetta sive Connie Carr taw l-inkarigu lil Costantino Muscat jew lil Joseph Muscat jew lil xi avukat biex jibghatu ittra ufficjali bhal dik tal-21 ta` Ottubru 2010 jew biex jifthu l-kawza kontra l-esponent Nazzareno Muscat – u dan kif jirrizulta mill-annessi tliet (3) dikjarazzjonijiet maghmula mill-imsemmija Rose Buhagiar, Teresa Muscat u Concetta sive Connie Carr. Ghalhekk, dina l-kawza saret abbuzivament u llegalment.*

*2. Preliminarjament, illi l-azzjoni ghal-likwidazzjoni u divizjoni ta` l-assi ereditarji ta` John u Angela mizzewgin Muscat li mietu fl-1961 u 1974 rispettivament tinsab preskritta bit-trapass ta` sitta u tletin sena (36), bil-preskrizzjoni ta` ghaxar (10) snin ai termini ta` l-Artikolu 845 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta` Malta). Fl-1974 l-attur Costantino Muscat kien gie nkarigat miz-zijiet biex jiehu hsieb is-successjoni tal-genituri taghhom, cioe` ta` l-imsemmija John u Angela mizzewgin Muscat u kif ukoll ta` binthom prelegatarja Giuseppa Muscat li wkoll mietet fis-sena 1974 bhal ommha Angela, ghalhekk ghaddew 36 sena.*

*3. Prelminarjament u minghajr pregudizzju, illi l-gudizzju mhux integru ghaliex thallew barra diversi persuni :*

*a) l-attur Peter Muscat huwa mejjet;*
*b) l-attur Rosario Muscat huwa mejjet;*
*c) l-atturi Publius Farrugia, Mario Farrugia u Joseph Farrugia kellhom huhom iehor li miet, Mikelangelo Farrugia ;*
*d) l-attrici "Catherine mart Publius Farrugia" hija persuna barranija li ghandu relazzjoni maghha l-istess Publius Farrugia.*

*4. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari, peress li l-kawza odjerna hija ghal-likwidazzjoni u divizjoni ta` eredita` u l-atturi qeghdin jippretendu li huma ko-proprjetarji 'pro indiviso' tal-assi ereditarji, din tolqot intimament l-interessi tal-werrieta ossia ko-proprjetarji kollha tal-assi ereditarji, u ghalhekk ikun mehtieg li jippartecipaw fil-proceduri dawk kollha li ghandhom sehem mill-imsemmija eredita`, altrimenti kull sentenza ta` dina l-Onorabbli Qorti tkun monka, in kwantu uhud minn dawk li ghandhom sehem u li thallew barra mill-proceduri jigu, b`dawn l-omissjonijiet, iddikjarati li m`ghandhomx sehem jew interess fl-imsemmija eredita`, u dan skond provvediment moghti fil-11 ta` Marzu 1998 fil-kawza numru 592/1996 fl-istess ismijiet.*

*5. Illi z-zijiet li kienu ghadhom hajjin wara l-mewt tat-tliet prelegatarji Giuseppa, Vittoria u Emmanuele, u cioe` Carmelo, Francesco, Salvatore, Pietro, Salvina mart Carmelo Farrugia lkoll ahwa Muscat, hadd minnhom ma kkontesta l-fatt li r-razzett ghadda bl-akkrexximent u mbaghad bil-volonta` espressa ta` Vittorio u Emmanuele ahwa Muscat, fuq l-esponenti Nazzareno u Anna mizzewgin Muscat.*

*6. Illi ghalhekk l-azzjoni ma tistax titmexxa 'l quddiem.*

*7. Fil-meritu, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jisthoqqilhom jigu michuda bl-ispejjez kontra dawk l-atturi li huma responsabbli li mexxew din il-kawza.*

*8. Salvi eccezzjonijiet ohra.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuti ghall-fini tar-risposta guramentata..

Rat il-**kontrotalba** tal-konvenuti li taqra hekk –

*1. Illi l-atturi pprezentaw dina l-kawza kontra l-esponenti.*

*2. Illi mhux minnu li Rose Buhagiar, Teresa Muscat u Concetta sive Connie Carr taw l-inkarigu lil Costantino Muscat jew lil Joseph Muscat jew lil xi avukat biex jibghatu ittra ufficjali bhal dik tal-21 ta` Ottubru 2010 jew biex jifthu kawza kontra l-esponent Nazzareno Muscat – u dan kif jirrizulta mill-annessi tliet (3) dikjarazzjonijiet maghmula mill-imsemmija Rose Buhagiar, Teresa Muscat u Concetta sive Connie Carr.*

*3. Illi Rose Buhagiar, Teresa Muscat u Concetta sive Connie Carr irrifjutaw li jkunu nvoluti f`dina l-kawza kontra l-esponenti Nazzareno u Anna konjugi Muscat u la accettaw li jhallsu u lanqas accettaw li jippartecipaw f`dina l-kawza. Ghalhekk, l-ebda wahda minn dawn it-tliet persuni ma tat il-kunsens taghha biex tkun fost l-atturi f`dina l-kawza.*

*4. Ghalhekk, dina l-kawza saret abbuzivament u llegalment ghad-dannu taghhom.*

*5. Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*(1) Tiddikjara lill-atturi kollha salvi Rose Buhagiar, Teresa Muscat u Concetta sive Connie Carr responsabbli ghad-danni kawzati lill-esponenti Nazzareno u Anna konjugi Muscat talli istitwew proceduri kontra taghhom b`mod abbuziv u llegali ghad-dannu taghhom.*

*(2) Tillikwida d-danni kollha konsegwenzjali sofferti u li qeghdin isofru l-esponenti konjugi Muscat.*

*(3) Tikkundanna lill-atturi jew min minnhom, hlief Rose Buhagiar, Teresa Muscat u Concetta sive Connie Carr biex ihallsu lill-esponenti in linea ta` danni l-ammont hekk likwidat.*

*(4) Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ta` l-atturi ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuti ghall-fini tal-kontrotalba.

Rat ir-**<u>risposta guramentata</u>** tal-atturi ghall-kontrotalba li kienet prezentata fid-<u>9 ta` Dicembru 2010</u> u li taqra hekk –

*1. Preliminarjament, in-nullita` tat-talba rikonvenzjonali stante li l-konvenuti ri-konvenjenti ma ottemperawx ruhhom mal-artikolu 398(1) tal-Kap. 12, li jghid illi "l-konvenut li jkun irid jipproponi r-rikonvenzjoni,*

*<u>ghandu jaghmel il-kontro-talba tieghu fir-risposta bil-miktub</u> ghar-rikors guramentat".*

*2. Preliminarjament ukoll, in-nullita` tat-talba rikonvenzjonali stante li l-konvenuti rikonvenjenti ma ottemperawx ruhhom mal-artikolu 398(2) tal-Kap. 12, li jghid illi "l-konvenut ghandu, dwar il-kontro-talba jhares, kemm jista` jkun, ir-regoli stabbiliti b`dan il-Kodici jew b`xi ligi ohra ghall-att procedurali li bih il-procedimenti kienu l-ewwel inbdew". Tant hu hekk, li l-atturi ri-konvenuti ma rrealizzawx bit-talba ri-konvenzjonali u kien biss meta d-difensur taghhom ezamina l-atti fl-ahhar mumenti qabel skada t-terminu ghar-risposta, li skopra dan id-dokument.*

*3. Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kontro-talba hi wahda minn sensiela ta` proceduri frivoli u vessatorji ntavolati mill-konvenuti ri-konvenjenti biex jiddilungaw l-inevitabbli, u cioe` li ssir id-divizjoni mitluba mill-atturi. Diga` kellhom pluralita` ta` pronunzjamenti gudizzjarji f`dan is-sens. Illi hu ovvju li l-konvenuti ri-konvenjenti la sofrew u lanqas jistghu qatt jirreklamaw xi danni minghand l-atturi, u dana peress illi huma mhux biss ma sofrew l-ebda danni izda l-atturi ezercitaw jedd spettanti lilhom skond il-ligi, liema jedd huma ezarcitawh minghajr l-ebda vessatorjeta` u/jew mala fede. Ghalhekk ma huma passibbli ghal ebda danni. Jekk hemm xi hadd li hu passibbli ghad-danni, dawn huma l-konvenuti ri-konvenjenti li qeghdin b`mod persistenti jfixklu lill-atturi ri-konvenuti fit-tgawdija tal-proprjeta` taghhom, u qeghdin frivolosament jirrifjutaw li jersqu ghad-divizjoni ta` din il-proprjeta`.*

*4. Illi l-kontro-talba hi ghalhekk minghajr ebda bazi legali, hi nfondata u guridikament insostenibbli, u ghalhekk ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-konvenuti ri-konvenjenti.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ri-konvenjenti u bl-ingunzjoni taghhom ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi ghall-fini tal-kontrotalba.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti presjeduta mill-Onor. Imhallef Joseph Azzopardi (fol 149) fl-udjenza tal-4 ta` Marzu 2011 fejn kienet milqugha t-talba tal-konvenuti ghar-rikuza tieghu, u fejn tat ordni sabiex il-*kawza tigi assenjata lil gudikant iehor*.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti presjeduta mill-Onor. Imhallef Lino Farrugia Sacco (fol 154) moghti fl-udjenza tal-15 ta` April 2011 fejn kienet milqugha t-talba tal-konvenuti ghall-astensjoni tieghu, u fejn tat ordni sabiex l-atti jmorru lura ghand ir-Registratur sabiex jigu riassenjati.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti kif presjeduta moghti fl-udjenza tas-17 ta` Mejju 2011 (fol 163 u fol 164) fejn cahdet it-talba tal-konvenuti ghar-rikuza tal-imhallef sedenti.

Rat id-digriet l-iehor ta` din il-Qorti moghti fl-istess udjenza fejn tat direzzjoni lill-partijiet sabiex iressqu l-provi taghhom dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.

Semghet id-deposizzjoni tal-atturi Theresa Muscat, Mary Rose Buhagiar u Concetta sive` Cettina Carr fl-udjenza tal-10 ta` Ottubru 2011 u rat id-dokumenti li kienu esebiti waqt l-istess udjenza.

Rat it-tliet noti (fol 213 sa fol 215) li kienu prezentati fil-11 ta` Ottubru 2011 mill-atturi Rose Buhagiar, Concetta sive`

Cettina Carr u Teresa Muscat fejn cedew l-atti tal-kawza u rtiraw minnha.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-3 ta` Novembru 2011 (fol 219 u fol 220) fejn laqghet it-talba tal-konvenuti sabiex jiddeponu l-atturi Costantino Muscat u Joseph Muscat.

Semghet ix-xiehda tal-atturi Costantino Muscat u Joseph Muscat fl-istess udjenza.

Semghet fl-istess udjenza s-sottomissjonijiet bil-fomm tad-difensur tal-atturi dwar l-ewwel eccezzjoni.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghall-31 ta` Jannar 2012 dwar l-ewwel eccezzjoni bil-fakolta` li l-partijiet jiskambjaw noti ta` sottomissjonijiet.

Rat in-noti ta` sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat id-digriet taghha tal-1 ta` Dicembru 2011 fejn laqghet it-talba tal-atturi ghall-kjamata fil-kawza ta` Maria Concetta sive` Cettina Carr, Mary Rose maghrufa bhala Rose Buhagiar u Theresa Muscat.

Rat in-nota bi tliet dokumenti li l-kjamati fil-kawza pprezentaw fil-21 ta` Dicembru 2011 (fol 242 sa fol 248).

Rat id-digriet taghha tat-3 ta` Jannar 2012 (fol 249 sa fol 251) fejn, wara li hadet konjizzjoni tan-nota bi tliet dokumenti li l-kjamati fil-kawza pprezentaw fil-21 ta` Dicembru 2011, issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u dderigiet lill-partijiet sabiex fl-udjenza tal-31 ta` Jannar

2012 jesprimu ruhhom fil-miftuh dwar kif kien behsiehom jirregolaw ruhhom dwar l-istess nota tal-kjamati fil-kawza.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-3 ta` Frar 2012 .

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn, wara li semghet lid-difensuri tal-atturi u tal-konvenuti, halliet il-kawza ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni.

Rat is-sentenza preliminari moghtija minnha fit-22 ta` Mejju 2012 (fol 256 sa fol 269) li permezz taghha cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u ordnat il-prosegwiment tas-smigh tal-kawza.

Rat ir-rikors tal-konvenuti pprezentat fit-18 ta’ Mejju 2012 fejn talbu li jressqu eccezzjoni ulterjuri (fol 270), liema talba kienet michuda b`digriet taghha moghti fil-miftuh fl-udjenza tal-14 ta` Gunju 2012 (fol 304 u fol 305).

Rat ir-rikors tal-konvenuti pprezentat fl-24 ta` Mejju 2012 (fol 298) fejn talbu permess lill-Qorti biex jappellaw mis-sentenza taghha tat-22 ta` Mejju 2012, liema talba kienet michuda b`digriet taghha moghti fil-miftuh fl-udjenza tal-14 ta` Gunju 2012 (fol 302).

Rat ir-rikors tal-konvenuti pprezentat fis-26 ta` Gunju 2012 fejn talbu lill-Qorti sabiex tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tal-14 ta` Gunju 2012 fejn ma tathomx permess jipprezentaw eccezzjoni ulterjuri, liema talba kienet michuda permezz ta` digriet taghha fil-miftuh moghti fl-udjenza tat-23 ta` Ottubru 2012 (fol 320 sa fol 322).

Semghet ix-xiehda ta` l-konvenut Nazzareno Muscat u tal-attur Costantino Muscat fl-udjenza tat-23 ta` Ottubru

2012 dwar it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti u rat id-dokumenti li kienu prezentati bhala prova fl-istess udjenza.

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet li l-konvenuti pprezentaw fit-8 ta` Jannar 2013.

Rat in-nota b`dokument li pprezentaw l-atturi fid-9 ta` Jannar 2013.

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet li l-atturi pprezentaw fil-25 ta` Marzu 2013.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar li ghamlu d-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-21 ta` Mejju 2013.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum dwar it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

## II. <u>Provi</u>

Il-konvenut **<u>Nazzareno Muscat</u>** xehed illi Giovanni u Angela konjugi Muscat kienu n-nanniet paterni tieghu. Dawn ghamlu testment *unica charta.* Giovanni Muscat miet bejn wiehed u iehor fl-1945 waqt li Angela Muscat mietet fl-1974. L-attur Constantino Muscat, li jigi huh l-kbir, kien jiehu hsieb jigbor l-affarijiet u jiehu hsieb lit-tlett ulied ta` Giovanni u Angela Muscat li kienu zewg guvintur u xebba. Meta kien jiehu hsieb Constantino Muscat, huma

kienu ghadhom jitkellmu. Dwar il-wirt, ma kienux jitkellmu ghax hu kien ghadu zghir fl-eta`.

Kompla jixhed illi fis-26 ta` Gunju 1974, Constantino Muscat kien talab liz-zijiet sabiex ihallsuh tax-xoghol li kien ghamel. Wara l-mewt ta` Angela Muscat, l-affarijiet tan-nanniet waqghu fuq it-tfal, ossija iz-zijiet tieghu : Giuseppe, Vittorio u Emanuela. Din tal-ahhar mietet xi hmistax wara l-mewt ta` ommha. It-tnejn l-ohra marru jghixu mieghu. L-uniku haga li ghamel huh Constantino kien li gabar it-testment tan-nanniet.

Fisser illi fl-1994, miet l-ahhar wiehed miz-zijiet. Wara ricerki sab li kienu hallew lilu u lil martu is-sehem taghhom. Dawk iz-zewg zijiet (li baqghu guvintur) kienu wirtu lil ohthom. Dr Remigio Zammit Pace kien in-nutar li ha hsieb id-dikjarazzjoni *causa mortis* taz-zijiet. Kien involut ukoll il-Perit Ronald Azzopardi. Wara l-mewt tal-ahhar miz-zijiet, ir-razzett bil-gardina mieghu sar tieghu b`wirt. Huwa hallas it-taxxa wara li saret id-dikjarazzjoni *causa mortis*.

Sostna illi hutu jikkontendu li ghandhom sehem mir-razzett li jinsab fil-pussess tieghu. Huwa jghix fir-razzett.

Ikkonferma li kien hemm zewg kawzi, wahda li spiccat fl-appell u l-ohra kawza ta` divizjoni li giet ceduta minnu. Fil-kawza li spiccat fl-appell kien deciz li l-atturi kellhom sehem zghir mir-razzett. Wara huwa ghamel kawza ta` divizjoni li pero` ceda. Huwa ghadu jikkontesta illi hutu ghandhom jedd ghal parti mir-razzett ghaliex huwa ghandu certifikat ta` titolu.

Isostni li l-atturi qatt ma ghamlu xi att ta` interruzzjoni tal-preskrizzjoni. Hu u martu qatt ma rcevew ittra ufficjali. Fil-kawza li wara ceda, l-atturi tal-lum li f`dik il-kawza kienu konvenuti ma kienux ressqu kontrotalba.

L-atturi qatt ma ghamlu xejn fuq l-art jew fuq xi haga tal-wirt. Qatt ma ppretendew li jidhlu fir-razzett li kien fil-pussess tieghu. Kienu jghidu biss li kellhom sehem mir-razzett. Meta kienu jghidu hekk, hu kien ighidilhom li hemm kien tieghu ghax kellu bil-miktub.

Qal li l-immobbli l-ohra li jaghmlu l-wirt kienu jikkonsistu minn xi raba` u zewg postijiet. Dawn kellhom jinqasmu bejn kulhadd. Ma kellu l-ebda problema li jaqsam dawk l-immobbli mal-atturi. L-uniku inkwiet bejn il-partijiet kienu r-razzett u l-gjardina ta` mieghu, li kienu ilhom fil-pussess tieghu sa mill-1994. Hemm ghamel hafna spejjez u benefikati. L-atturi qatt ma hallsu xejn dwar li sar fir-razzett.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, il-konvenut xehed illi meta miet l-ahhar wiehed miz-zijiet, hutu kienu diga` qeghdin jippretendu li ghandhom dritt fuq ir-razzett, ghalkemm huwa kkontesta l-pretensjoni taghhom. Hutu ghamlu kawza kontra tieghu li kienet deciza mill-Qorti tal-Appell fl-2004. Wara dik is-sentenza huwa rrifjuta li jaghti c-cwievet tar-razzett lil hutu. Kien biss wara li sar mandat li halla c-cwievet fir-Registru tal-Qorti.

L-attur **<u>Constantino Muscat</u>** xehed illi hu kien jaghraf il-firma tieghu fuq Dok NM1. Dak id-dokument kien kont ta` spejjez li huwa hareg biex jigbor dokumenti u biex jaghmel prestazzjonijiet in konnessjoni ma` materja li ma setax jiftakar liema kienet. Jista` jkun illi kien kont dwar spejjez li hu kien hallas biex jigbor it-testment tan-nanna (li kienet ghadha hajja) u kif ukoll taz-zijiet Giuseppa, Manuel u Vitor (li kienu ghadhom hajjin). Huwa kien ha pariri legali li kkonfermaw li l-atturi kellhom sehem mir-razzett minhabba sehem iz-zija Giuseppa u anke minhabba l-mod kif kienu miktub it-testment tan-nanniet. Huwa kemm gabar it-testmenti u affarijiet ohra peress li kien jaf l-iskola. Meta gabar it-testmenti, tawhomlu go envelope maghluq. Huwa halla l-envelope kif kien bla ma fethu. Wara li mietu z-zijiet, huwa kien ghamilha cara

mal-konvenut illi dan ma kienx ghamel sew li hallas wahdu d-denunzja kollha tar-razzett. Ippreciza li l-ewwel ma mietet kienet iz-zija ; mietet intestata. Kien wara li miet l-ahhar ziju li l-atturi (bih inkluz) sabu li kellhom sehem mill-wirt taz-zija.

**Ikkunsidrat :**

## III. <u>Dritt</u>

Il-preskrizzjoni tal-'*petitio haereditatis*' hija regolata bl-**<u>Art 845 tal-Kap 16</u>** li jaqra hekk –

*L-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew legittima, jew is-sehem tal-beni li l-ligi taghti lit-tfal illegittimi jew lil zewg jew mart il-mejjet, sew fis-successjoni b`testment kemm ukoll f`dawk ab intestato, tispicca bl-eghluq ta' ghaxar snin mill-ftuh tas-successjoni.*

**Il-gurisprudenza hija cara fis-sens illi l-ghaxar snin huma perijodu ta` <u>preskrizzjoni mhux ta` dekadenza</u>.**

Fis-sentenza taghha tat-22 ta` Ottubru 1937 fil-kawza "**<u>Bonello vs Bruno Olivier et</u>**", din il-Qorti ghamlet riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-8 ta` Ottubru 1924 fil-kawza "***<u>Tabone vs Tabone et</u>***". Qalet hekk –

*… **dak l-artikolu tal-ligi jistabilixxi preskrizzjoni 'sui generis' u mhux dekadenza**, li dik il-preskrizzjoni hija akkwizittiva bhal dik kontemplata mill-art 1904 … dik il-preskrizzjoni tista' tigi interrotta bil-modi indikati mil-ligi.*

Fis-sentenza taghha tat-23 ta` Jannar 2003 (konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta` Gunju 2008) fil-

kawza "**<u>Borg et vs Bianco</u>**" din il-Qorti (**<u>PA/JRM</u>**) qalet hekk –

*Iz-zmien preskrittiv mahsub fl-artikolu 845 gie mfisser bhala wiehed preskrittiv u mhux ta' dekadenza u ghandu minn zmien ta' preskrizzjoni akkwizittiva. Il-principju li fuqu huwa mibni l-imsemmi artikolu huwa dak li jwaqqaf kawzi ta' wirt jew sehem minn wirt kontra min, ghaz-zmien ta' ghaxar snin, ikun zamm f' idejh bhala sid il-gid tal-wirt jew ta' dik il-parti li dwarha titmexxa kontrih l-azzjoni ereditarja.*

[ara wkoll – "**<u>Ellul Bonnici vs Apap Bologna et noe</u>**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 29 ta` Mejju 1957 ; "**<u>Camilleri vs Camilleri</u>**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 16 ta` Mejju 1983 ; "**<u>Attard vs Grech noe</u>**" – Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri – **<u>AE</u>** - 23 ta` Mejju 2008 ; u "**<u>Galea noe et vs</u>** Sacco et - Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri – **<u>AE</u>** – 9 ta` Dicembru 2008].

Sabiex japplika l-Art 845 tal-Kap 16, mhux bizzejjed li l-legatarju jew l-eredi (skond il-kaz) jibqa' inerti ghaz-zmien indikat fid-disposizzjoni sabiex jitlef id-dritt ghal-legat jew ghal sehmu mill-wirt. Din il-preskrizzjoni hija akkwizitiva u ghalhekk irid jirrizulta mhux biss l-element passiv taz-zmien izda ukoll l-element attiv tal-pussess.

Fis-sentenza fil-kawza "**<u>Ellul Bonnici vs Apap Bologna et noe</u>"** (op. cit.) jinghad hekk –

*Din il-preskrizzjoni mhijiex estintiva …imma akkwizitiva u bhala tali, meta jkun jittratta minn legat, mhux bizzejjed li l-legatarju jibqa' inerti ghaz-zmien rikjest mil-ligi biex jintilef id-dritt ghall-legat, imma hemm bzonn li l-uzurpatur ikun jippossjedi l-haga abbandunata mill-proprjetarju u li jkun jippossjediha animo domini, liema pussess irid ikun ghalhekk kontinwu, mhux interrott, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku ghaz-zmien kollu li tghid il-ligi, kif ukoll animo domini.*

Fis-sentenza fil-kawza "**Bonello vs Bruno Olivier et"** (op. cit.) jinghad illi l-werriet li favur tieghu tinsab stabbilita dik il-preskrizzjoni ghandu jkun 'in buona fede' u ghandu jigi pruvat li matul l-ghaxar snin, dak il-werriet ippossjeda l-wirt kollu pubblikament u eskluzivament, u wera inekwivokament li kien qieghed igawdi l-wirt kollu ghall-vantagg tieghu.

Fis-sentenza taghha tal-1 ta` Ottubru 2003 fil-kawza "**Buttigieg et vs Yvonne Formosa et"** din il-Qorti (**PA/AJM**) insistiet illi l-preskrizzjoni in kwistjoni hija ta` natura akkwizittiva u l-gurisprudenza kienet konkordi fuq dan il-punt :

*Il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza moghtija fid-29 ta' Jannar 1954 fil-kawza* ***Stella Briffa et vs Caterina Scicluna et*** *(Vol XXXVIII p 21) wara li rribadiet dan il-principju kompliet hekk : 'Dan il-pussess irid ikun mhux semplicement kazwali, izda irrid ikun pussess formali, jigifieri li kapaci jiggenera u jikkostitwixxi d-dritt tal-proprjeta'. Konsegwentement dak il-pussess ghandu jkun reali, u mhux bizzejjed il-pussess di diritto. Dan il-pussess, tkompli l-imsemmija sentenza jrid jkun 'kontinwu, mhux interrott, pacifiku, pubbliku, u mhux ekwivoku, ghaz-zmien kollu li tghid il-ligi, kif ukoll 'animo domini'. Dan il-pussess ghandu jigu pruvat b' mod infrangibbli, tant ghar-rigward tal-fatt tal-pussess fih innifsu, kemm ukoll tal-kwalitajiet jew karattri li jrid jkollu l-pussess; u din il-prova tinkombi lil min jallega l-preskrizzjoni.*

Is-sentenza "**Briffa et vs Scicluna et"** (op. cit.) hija spiss citata fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna. F`dik il-kawza, l-atturi sostnew li l-konvenut kien iddekada miz-zewg legati mhollija lilu u ghalhekk abbazi tal-Art 845 tal-Kap 16 kien tilef kull azzjoni li seta` kellu kontra l-eredi. Il-Qorti cahdet din il-pretensjoni u ddikjarat li l-konvenut ma kienx iddekada mill-legati ghalkemm kien ilu nieqes minn Malta ghall-fuq minn erbghin sena. Il-Qorti ccitat lil

Pacifici Mazzoni u lil Borsari u kkonkludiet li **mhux bizzejjed li l-legatarju, l-eredi jew il-legitimarju jibqa' inerti ghaz-zmien rikjest mil-ligi ghaliex il-proprjeta' hija perpetwa u ma tintilefx billi l-proprjetarju ma jaghmilx uzu mill-haga tieghu. Hemm bzonn biex jintilef dak id-dritt, li l-uzurpatur jippossjedi l-haga abbandunata mill-proprejtarju u li jippossjediha animo domini.** F`dak il-kaz, il-legatarju kien akkwista d-dritt ta` legat mill-gurnata tal-mewt ta` decujus u dana *ancorche* ma kienx jaf bil-legat u lanqas ma ha pussess tieghu. Il-Qorti nsistiet illi sabiex il-legat jintilef kellu jigi **ppruvat li hadd iehor, l-eredi ta' decujus, ippossedew l-oggett mertu tal-legat bil-kondizzjonijiet kollha rikjesti mill-ligi.** Ghal dan il-ghan mhux bizzejjed kwalunkwe pussess, izda kien mehtieg pussess kontinwu, mhux interrott, pacifiku, pubbliku, mhux ekwivoku ghaz-zmien kollu li tghid il-ligi, kif ukoll pussess *animo domini.*

Fis-sentenza taghha tal-5 ta` Dicembru 2003 fil-kawza "**D`Amico et vs D`Amico et**", din il-Qorti (**PA/JA**) ghamlet riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta` Dicembru 1939 fil-kawza "**Grixti vs Ellul**" fejn kien inghad hekk –

*Hu indubitat li l-preskrizzjoni …fuq imsemmija hija fin-natura taghha akkwizittiva ghaliex minhabba dak iz-zmien il-possessur tal-eredita' jew tal-legat ikun akkwista d-dritt fuq l-eredita' jew fuq il-hwejjeg li jikkomponu l-legat u ghalhekk ikun jista' jirrespingi d-dritt ta' min jigi 'l quddiem li ghal dan id-disposizzjoni ghandha natura estintiva. Ghalhekk dan il-pussessur kellhu jippossjedi b' pussess tajjeb li jista' jippreskrivi u skond l-artiklu (dak iz-zmien 1882 – illum 2118) mhux tajjeb ghal dan il-fini il-pussess tal-uzufruttwarju ghaliex dan ikun qieghed jippossjedi mhux animo domini izda semplicement ghall-fini li jgawdi l-haga, jiehu l-frutti waqt il-hajja tieghu izda n-nuda proprieta' tibqa' ghand haddiehor. Infatti l-fondament ta' kull preskrizzjoni akkwizittiva huwa dak li tevita l-kontestatazzjonijet peress illi kull min ikun qed jippossjedi ikun mhux b' titolu prekarju kif inhu deskritt fl-artikolu imsemmi izda titulo propietatis et domini, jibqa' jzomm din*

*il-haga in bona seu in mala fede, pero' dejjem bl-animu li qieghed jipposjedi titulo propietatis u ghalhekk qed jaghmel att ta' dominju. Jekk dak l-istat ta' affarijiet baqa' jsehh ghaz-zmien li trid il-ligi u l-veru proprjetarju ma giex 'il quddiem, allura tkun operat ruhha l-usucapione favur dak il-possessur. Dawk pero li jkun qeghdin jippossjedu prekarjament, bhall-uzufruttwarji ikun evidenti li huma qeghdin izommu l-haga ghan-nom ta' haddiehor u ghall-fini tad-dritt prekarju taghhom ; ghalhekk l-artiklu 1885 (illum 2121) jghid illi : No one can prescribe against his own title, in the sense that he cannot change in regard to himself the cause for which he holds the thing."*

Fis-sentenza taghha tat-28 ta' Marzu 1955 fil-kawza "**Borg et vs Zammit**" il-Qorti tal-Appell irrimarkat illi d-disposizzjoni ma gietx mehuda mil-ligijiet kontinentali imma dderivat mill-Bandu tal-1 ta' Marzu 1787 li kien biddel il-ligi li kienet tezisti qabel fil-Lib 2 Capo 5 para 1 tal-Kodici De Rohan, u wara d-disposizzjoni kienet inkorporata fl-Art 243 tal-Ordinanza Nru IV tal-1864 u in segwitu fl-Art 547 tal-Ordinanza Nru VII tal-1868 u llum l-Art 845 tal-Kap 16. Il-Qorti ccitat is-sentenza taghha tat-2 ta` Dicembru 1910 fil-kawza "**Farrugia vs Attard**" fejn kien inghad hekk –

*"Il bando del 1 Marzo 1787 da cui fu tratta la disposizione dell`articolo 547 dell' Ordinanza Vii del 1868 riducendo il termine per domandare l' eredita' ed il legato da 30 a 10 anni, aveva per oggetto di impedire, dopo quel termine le liti promosse contro persone le quali per motivo di un lungo e pacifico possesso, avessero giusto motivo di reputarsi legittimi possessori dell' asse ereditario, e quindi la disposizione contenutavi non puo' giovare se non a colui che avesse posseduto l' asse 'animo domini' come spettante a lui esclusivamente ; per cui non solo il detentore precario, ma ne anche il suo erede puo' prescrivere, trasmettendosi il vizio della precarieta' all' erede.*

*Din is-sentenza nghatat b'referenza ghall-gurisprudenza anterjuri in propozitu (Vol Xi 247 u giet*

*segwita b' gurisprudenza konformi u fl-istess sens, tant minn din il-Qorti, li rritentiet illi, biex wiehed jista' jaghti l-preskrizzjoni ta' ghaxar snin kontra talba ta' wirt jew ta' legittima, jehtieglu illi huwa matul dawk l-ghaxar snin kellu f' idejh il-wirt 'animo domini' u minghajr qerq jew in ' good faith' (vol XXIX-II-25) kemm mill-Qorti tal-Appell (29 ta' Jannar 1954* ***Briffa vs Scicluna****) li ddecidiet illi preskrizzjoni prevista fl-art 885 tal-Kodici Civili hi dik akkwizittiva u l-preskrivent irid ikollu l-pussess legittimu akkompanjat mill-istess preskrivent irid ikollu l-pussess legittimu akkompanjat mill-istess preskrivent bl-animus domini."*

Il-Qorti sostniet illi l-buona fede tirrapprezenta dak l-istat ta` animu tal-possessur, il-koxjenza u l-intima konvinzjoni tieghu li l-haga li jippossjedi hi tieghu. Insistiet illi l-possessur irid ikollu din ic-certezza ; jekk jitnissel dubbju, tispicca l-buona fede fis-sens tal-ligi.

[ara wkoll : 5 ta' Ottubru 1886 – Prim`Awla tal-Qorti Civili – "**Pace Balzan et vs Pace Balzan et**" ; 18 ta' Ottubru 1934 – Prim`Awla tal-Qorti Civili – "**Zammit et vs Apap**" ; 7 ta` Novembru 1935 – Prim`Awla tal-Qorti Civili – "**Davison et vs Debono et"** ; 25 ta` Jannar 1951 – Prim`Awla tal-Qorti Civili – "**Ellul et vs Fenech et**" ; u "**Galea noe et vs Sacco et**" (op.cit.)]

Fil-kawza fl-ismijiet "**Azzopardi pro et noe vs Cauchi et**" li kienet deciza minn din il-Qorti (**PA/TM**) fl-14 ta` Ottubru 2004, il-konvenuta allegat illi l-attur, bhala legatarju, kien tilef kull dritt li kellu billi kien ghaddew l-ghaxar snin tal-Art 845 tal-Kap 16 biex jirreklama l-legat. Il-Qorti cahdet l-eccezzjoni u qalet hekk –

*Dan l-artikolu gie spjegat fis-sens li barra mill-element taz-zmien, hemm bzonn li jigi pruvat anke l-element attiv tal-pussess u dan il-pussess irid ikun mhux semplicement kazwali, izda irid ikun il-pussess formali, jigifieri li jiggenera u jikkostitwixxi d-dritt tal-proprjeta'. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza* ***Camilleri vs Camilleri*** *deciza*

*fis-16 ta' Mejju 1983, il-preskrizzjoni ta' ghaxar snin f' kaz ta' eredita' hija ta' indoli akkwizittiva u hija bazata fuq l-esklussivita' tal-pussess; ghalhekk, kompliet tghid dini l-Qorti,* ***il-pussess komuni ereditarju huwa ta' ostakolu ghall-kors ta' kwalunkwe preskrizzjoni ta' azzjoni simili…..****meta jkun hemm ezekutur testamentarju, il-pussess tal-oggetti formanti parti mill-wirt ikunu f' idejh ghalkemm ma jkunx qed izommhom bhala tieghu u kwindi f' dawn ic-cirkustanzi ma jkun hemm hadd li jkollu l-pussess esklussiv tal-oggetti.. ghax il-pussess li dan ikollu tal-proprjeta' ma tkunx animo domini (ara wkoll* ***Buttigieg et vs Buttigieg et****, deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Ottubru 2003, u* ***Borg vs Bianco*** *deciza wkoll minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003). Kwindi, fid-dawl tac-cirkustanzi ta' dan il-kaz, l-artikolu 845 tal-Kodici Civili mhux applikabbli u ma jistax jinghad li f' dan l-istadju, l-attur tilef il-jedd li jitlob pussess tal-legat.*

(ara wkoll :23 ta` Gunju 2005 – **PA/JRM** – **Degabriele vs Attard et**)

Fuq l-iskorta tal-gurisprudenza citata sa issa, persuna li ma zzommx ghandha bhala taghha hwejjeg jew assi minn wirt ma tistax tressaq favuriha l-preskrizzjoni tal-ghaxar snin tal-*petitio hereditatis*. Biex tirnexxi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Art 845, kif inhu l-kaz tal-preskrizzjoni akkwizittiva skond l-Art 2140, irid jirrizulta li min ikun gie mfittex biex irodd il-haga mhollija b`wirt lill-parti attrici, irid ikun zamm pussess shih tal-haga daqs li kieku kienet tieghu (*animo domini*) ghaz-zmien kollu tal-preskrizzjoni. Jehtieg jintwera wkoll li ghall-istess medda ta` zmien, min ikun zamm f`idejh dawk il-hwejjeg tal-wirt ikun ghamel hekk b`bona fidi u cioe` ikun konvint mill-fehma li l-haga li ghandhu f`idejh hija tieghu tabilhaqq. Ikun hemm mala fidi jekk il-persuna tkun f`qaghda li taf jew li messha taf li l-haga ghandha f`idejha tkun ta` haddiehor. Imqar jekk il-pussessur ikollu dubju dwar iz-zamma tal-haga, dak ikun bizzejjed biex idennes il-pussess tieghu u jnehhi minnu l-bona fidi ghaliex il-bona fidi li trid il-ligi trid tkopri t-totalita' tal-haga mizmuma mill-pussessur.

Il-pussess komuni ereditarju huwa ostakolu ghad-dekors tal-preskrizzjoni skond l-Art 845 (ara : 16 ta` Frar 1927 – Prim`Awla tal-Qorti Civili – "**Ascena et** **vs Vella et**" ; 25 ta` Jannar 1951 – Prim`Awla tal-Qorti Civili – "**Ellul et** **vs** **Fenech et**" ; 5 ta` Ottubru 1986 – Prim`Awla tal-Qorti Civili – "**Pace Balzan et** **vs Pace Balzan et**")

**Ikkunsidrat:**

## IV. Risultanzi

L-eccezzjoni li qeghda tkun deciza llum taqra hekk –

*Preliminarjament, illi l-azzjoni ghal-likwidazzjoni u divizjoni ta` l-assi ereditarji ta` John u Angela mizzewgin Muscat li mietu fl-1961 u 1974 rispettivament tinsab preskritta bit-trapass ta` sitta u tletin sena (36), bil-preskrizzjoni ta` ghaxar (10) snin ai termini ta` l-Artikolu 845 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta` Malta). Fl-1974 l-attur Costantino Muscat kien gie nkarigat miz-zijiet biex jiehu hsieb is-successjoni tal-genituri taghhom, cioe` ta` l-imsemmija John u Angela mizzewgin Muscat u kif ukoll ta` binthom prelegatarja Giuseppa Muscat li wkoll mietet fis-sena 1974 bhal ommha Angela, ghalhekk ghaddew 36 sena.*

Sabiex tintlaqa` din l-eccezzjoni, jinkombi fuq il-konvenuti l-oneru tal-prova ta` dan **kollu** li gej –

1) Illi ghadda z-zmien ta` ghaxar snin kif tghid il-ligi ;

2) Illi l-pussess tal-konvenuti huwa formali u kapaci jiggenera u jikkostitwixxi dritt tal-proprjeta' ;

3) Illi l-pussess tal-konvenuti huwa wiehed kontinwu, mhux interrott, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku ;

4) Illi l-pussess tal-konvenuti huwa *animo domini* ; u

5) Illi l-pussess tal-konvenuti huwa bil-bona fidi ;

Il-Qorti trid tara jekk abbazi tal-provi li saru fil-kawza, irrizultax (inkella le) li l-konvenuti ppreskrivew ir-razzett de quo (bil-gjardina mieghu) favur taghhom b`mod illi l-atturi ddekadew mid-dritt taghhom ghal sehem minn dak l-immobbli.

Abbazi tal-provi akkwiziti, il-Qorti m`ghandhiex l-icken dubju li **<u>l-eccezzjoni hija nfondata</u>** ghar-ragunijiet illi gejjin –

1) Il-konvenut jixhed illi huwa sar jaf li r-razzett kien proprjeta` tieghu fl-1994 meta miet l-ahhar mit-tliet zijiet. Kien f`dak iz-zmien illi hutu bdew jinsistu mieghu illi ghandhom sehem mir-razzett waqt li hu beda jinsisti maghhom li hemm kien tieghu. Il-verzjoni tal-konvenut kienet korraborata mill-attur Constantino Muscat li kkonferma li meta huwa sar jaf li ghandu sehem mir-razzett wara li miet l-ahhar ziju, huwa kkonfronta lill-konvenut. Abbazi ta` din il-prova, ma jistax jitqies illi kien hemm preskrizzjoni ghaddejja favur il-konvenuti qabel l-1994.

2) Huwa nfondat l-argument tal-konvenuti illi z-zmien tal-preskrizzjoni beda jiddekorri mill-mewt tan-nanniet, u cioe` mill-mewt ta` John u Angela konjugi Muscat, ghaliex it-talba attrici kienet tirrigwarda l-wirt taghhom. L-Art 845 tal-Kap 16 jittratta perijodu ta` preskrizzjoni akkwizittiva. Rilevanti huwa meta beda l-pussess tal-konvenuti skond ir-rekwiziti rikjesti mil-ligi biex

ikun hemm preskrizzjoni akkwizittiva. Fiz-zmien tal-mewt tan-nanniet, il-konvenut u martu certament li ma kinux qed jippossjedu l-immobbli *animo domini.*

3) Il-pussess komuni ereditarju li bih l-konvenut kien qed jippossjedi dak l-immobbli huwa minnu nnifsu ostakolu ghad-dekors ta' kwalunkwe preskrizzjoni. Meta z-zijiet kienu ghadhom hajjin, il-konvenut u martu kienu qed jippossjedu r-razzett mhux f`isimhom propju u *animo domini*. Il-konvenut kien qieghed izomm ir-razzett bhala proprjeta' komuni, mhux ghaliex kien qed jippretendi li r-razzett kien tieghu. Kien biss l-1994, meta miet l-ahhar miz-zijiet, li l-konvenut ghamilha cara mal-atturi li huwa kien qed jippretendi li r-razzett kien kollu tieghu.

4) Bil-presentata tal-kawza Nru 592/1996 AJM, l-atturi talbu lill-Qorti biex tiddikjara li huma kompropjetarji mal-konvenuti tar-razzett (bil-gjardina) u tal-immobbli l-ohra formanti parti mill-wirt tan-nanniet u mill-wirt taz-zijiet. Il-konvenuti jsostnu li l-presentata tac-citazzjoni f`dik il-kawza ma kenitx interrotta l-preskrizzjoni, ghaliex skond il-konvenuti, f`dik il-kawza, l-atturi ma ressqux talba biex jinghataw sehemhom mill-wirt, izda talbu biss dikjarazzjoni ta` kompropjeta`. Din il-Qorti hija tal-fehma li l-presentata tac-citazzjoni de qua interrompiet il-preskrizzjoni ghaliex ir-rizultat ta' dik l-azzjoni kien intiz mill-atturi li jkun illi jigi dikjarat li l-konvenuti ma kinux proprjetarji wahedhom ta' r-razzett u tal-immobbli l-ohra izda li kollha flimkien kienu kompropjetarji. Li sar f`dik il-kawza kien propju li jistabilixxi jekk l-atturi kellhomx sehem minn dawk l-ereditajiet. Il-qasma qeghda tintalab fil-kawza tal-lum. Jekk fil-kawza l-ohra ma kienx hemm talba ghall-qasma tal-wirt, b`ebda mod ma jfisser li baqghet ghaddejja l-preskrizzjoni skond l-Art 845 tal-Kap 16.

5) Fl-Art 845 tal-Kap 16, il-kelma *jintalab* ma tfissirx illi necessarjament trid issir talba ghal-likwidazzjoni, divizjoni u assenjazzjoni ta` wirt. Tfisser ukoll talba sabiex jigi dikjarat min ghandu jedd ghal wirt –

kif sar fil-kawza Nru 592/1996 AJM. Il-Qorti hija tal-fehma illi bil-presentata tac-citazzjoni f`dik il-kawza ma baqghet ghaddejja l-preskrizzjoni, kif pretiz mill-konvenuti.

6) Fattur iehor li jimmilita kontra l-pretensjoni tal-konvenuti huwa li l-konvenuti pprezentaw kawza kontra l-atturi fejn talbu sabiex issir id-divizjoni tal-wirt ta` John u Angela Muscat ; in partikolari hemm talbu d-divizjoni tar-"*razzett b'gardina mieghu .....bejn l-atturi* (illum konvenuti) *bhala werrieta ta' Emanuel u Vitor ahwa* Muscat u l-werrieta ta` Giuseppa Muscat u l-werrieta *ukoll ta' Francis Muscat minn liema wirt l-attur* (illum konvenut) *ghandu sehem ukoll*." Li allura jfisser li f`dik il-kawza, il-konvenuti tal-lum kienu qeghdin jitolbu l-qasma tar-razzett b`gjardina mieghu sabiex jintemm l-istat ta` komproprjeta` (ara fol 385). Ghal din il-Qorti dik kienet rinunzja cara u inekwivoka ghal kwalunkwe preskrizzjoni li setghet kienet qeghda tiddekorri jew illi ddekorriet favur il-konvenuti tal-lum. Li kieku tassew il-konvenuti tal-lum kienu qed jippretendu li r-razzett b`gjardina mieghu kien sar taghhom bi preskrizzjoni jew li kien taghhom biss b`titolu ta` propjeta`, il-konvenuti ma kienu qatt jaghmlu dik il-kawza. Skond l-Art 2108(1) tal-Kap 16, *tista' ssir rinunzja ghall-preskrizzjoni ga akkwistata,* skond l-Art 2109(1) *ir-rinunzja ghall-preskrizzjoni tista' tkun espressa jew tacita* u skond l-Art 2109(2) *ir-rinunzja tacita tigi minn fatt li jissoponi l-abbandun tal-jedd akkwistat.*

7) Il-Qorti ma hija konvinta xejn bl-iskuza li gab il-konvenut illi huwa kien kontra l-presentata tal-kawza u li kienu l-avukati tieghu li qabdu u ghamlu l-kawza, anke meta tqis illi l-konvenut jammetti illi huwa waqqaf il-kawza ghaliex kienet sejra tigi tiswieh hafna flus. Il-Qorti hija konvinta li l-konvenuti kienu jafu x`qeghdin jaghmlu meta pprezentaw dik il-kawza, liema kawza kienet tinkludi talba taghhom ghall-qasma tar-razzett in kwistjoni.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi billi tichad it-tieni eccezzjoni preliminari tal-konvenuti, bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------